MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2005

Numru 15/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
FRANCIS BARBARA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Barbara, ta’ 36 sena, bin Joseph u Annie nee’ Micallef, imwieled Sydney, Australia, fis-6 ta’ Dicembru 1965, residenti fl-indirizz 10, Fl 4, ‘Savina’, Triq il-Qala, Qawra, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 334183(M), u akkuzat talli fit-22 ta’ Settembru 2001 u l-granet precedenti, fil-Mosta jew bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe’ zewg linji tat-telephone cellulari “Go Mobile” numri 79052387 u 79052389, mehudin b’qerq jew akkwistati b’reat. Jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxihom, bi ksur tal-Artiklu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’hekk sar recidiv wara li kien gie kkundannat ghal reat b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta’ Frar 1990.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta illi kien dahal rapport l-ghassa tal-Pulizija fis-26 ta’ Frar 2001, dWar xiri ta’ mobile phones u linji tal-mobiles b’cekkijiet misruqa (ara fol 33 et seq).

Gie stabbilit illi certu Joseph Vassallo kien irraporta illi kienet marret persuna ghandu, xtrat zewg linji tal-Vodafone 09804405 u 09800446, u zewg mobile phones u hallas b’cheque numru 249 tal-Bank of Valletta, account number 1704490030.

In oltre, sar xiri ta’ zewg linji ohra tal-Go Mobile 79052387 u 79052389, u zewg mobile phones Nokia bi prezz ta’ Lm290.

Illi min indagni tal-Pulizija, gie rintraccat Andrew Caruana ta’ sittax-il sena li nforma lill-Pulizija li kien xtara linja u mobile phone number 79052387 minghand MPC il-Mosta.

Dan il-hanut kien gestit mill-imputat Francis Barbara. Minn aktar indagni, gie rintraccat certu Victor Tanti li nforma lill-Pulizija li kien xtara mobile phone gdid Ericcson u linja 79052389 ghat-tifla tieghu minghand l-istess hanut MPC tal-imputat.

Illi l-Pulizija baghtet ghall-imputat li rrilaxxa stqarrija dokument JC7. Illi fl-istess stqarrija, l-imputat iddikjara illi

ftit qabel il-21 ta’ Settembru kienet giet persuna tixtri mobile u talbu jbiddillu linja gdid tal-Go Mobile ma’ wahda tal-Vodafone. Illi l-imputat fl-istqarrija qal li huwa partatlu l-linja ghall-prezz ta’ hames Liri (Lm5).

L-imputat kien sostna mal-Pulizija illi ma kienx jaf l-partikolaritajiet ta’ din il-persuna izda jekk jerga’ jaraha jinforma lill-Pulizija.

Spettur Cordina xehed, a fol 37, illi fil-hanut tal-imputat huwa sab biss linji tal-Vodafone u li l-imputat kien qallu illi hu kien jbiegh biss dawn il-linji, u li l-imputat ma ta l-ebda informazzjoni ulterjuri lill-Pulizija.

Illi Francis Barbara rega’ gie nvestigat dwar it-tieni linja u baqa’ jsostni illi huwa kien xtara linja wahda biss. Konfrontat bil-fatt li tnejn min-nies xtraw iz-zewg linji b’cekk li rrizulta li kien falz, l-imputat stqarr illi seta’ kien huh li xtara l-linja l-ohra.

Is-sim cards tal-linji ndikati gew esebiti bhala dok JC1 u dok JC2. Ic-cheque li bih sar il-pagament gie esebit bhala dok JC4. Gie esebit bhal dok JC5 il-lista tas-sales tal-hanut MPC waqt li l-okkorrenza ta’ cheque misruq giet esebita bhala dok JC6.

Victor Tanti kkonferma li kien xtara linja tat-telephone Go Mobile minghand il-hanut tal-imputat. Illi wara li kien gie mitkellem mill-Pulizija, kienu haduli il-linja. Ghalhekk huwa rega’ mar fl-istess hanut tal-imputat u dan kien tah linja ohra. Victor Tanti kkonferma ricevuta dokument JC3.

PC 130 Cilia kkonferma li kien sar xi xiri ta’ mobile phones mill-hanut MPC il-Mosta b’linja illi wara irrizultat illi kienet misruqa. Din il-linja 79052387 kienet mixtrija minn Eleonardo Cassar u kienet mixtrija mill-hanut tal-imputat.

PC 130 Cilia gharaf lill-imputat u kkonferma li kien presenti waqt it-tfittxija fil-hanut. Ikkonferma li l-imputat kien irrisponda illi mhux soltu illi jbiegh linji tal-Go Mobile, izda ftakar li kien partat linja ta’ Vodafone ma’ wahda ta’ Go Mobile.

PC Cilia xehed illi l-imputat ma dehrlux illi kien hemm xi haga li ma ddoqlux f’dan in-negozju. Minn aktar investigazzjonijiet irrizulta illi l-linja 79052389 ta’ Victor Tanti kienet wkoll mixtrija, flimkien ma’ mobile minghand l-imputat u imhallsa b’cheque datat 22 ta’ Settembru 2001.

PC 474 Norbert Said ikkonferma l-presenza tieghu fl-istqarrija tal-imputat dok JC7.

PS Garzia ikkonferma li rceva rapport minghand certu Mario Scicluna li irraporta serq mill-karozza tieghu ta’ stereo, cheques (Nru 243-260) u Identity Card .

Mario Scicluna xehed illi fil-15 t’Awissu 2001 kien ghamel rapport dwar serq mill-karozza tieghu fejn insterqu wkoll cheques tieghu.

Illi sussegwentement kienet cemplitlu persuna stante li dan ic-cheque ma giex onorat mill-Bank.

Il-Bank Accounts tal-Bank of Valletta tieghu jidhru a fol 44 tal-process.

Mario Scicluna xehed illi ma jafx lill-imputat.

Colin Galea tat-Telecomm Electronics, San Gwann xehed illi huma jbieghu mobile telephones u affarijiet relatati u li kien gie xi hadd il-hanut tieghu, xtara zewg telephones b’zewg pre paid lines u zewg pockets u hallas b’cheque ta’ Lm290 liema cheque ma ssarrafx. Meta ghamel il-verifiki, il-partikolaritajiet tal-Identity Card ma qablux mar-ritratt li kien intwera fuq l-identity Card u sar maghruf illi l-Identity Card holder kien insteraqlu ic-cheque book bl-identity card b’kollox u li ghalhekk sar stop payment fuq ic-cheques kollha.

Colin Galea xehed, a fol 48, illi huwa ta d-dettalji kollha tas-serial number tal-mobile phones u tal-linja tal-mobile number tal-pre paid lines lill-Pulizija. Dawn in-numru kienu 79052387 u 79052389 tal-Go Mobile.

Ikkonferma dok JC4, fotokopja tac-cheque uzat.

Suzanne Azzopardi, tal-istess hanut Telecomm Electronics, ikkonfermat dok JC4 u JC6 pero' ma kinitx f'pozizzjoni taghraf lill-imputat.

John Vassallo, Assistent Spizjar fi Spizerija Naxxar Pharmacy, xehed illi ghal habta ta' Lulju jew Awissu 2001, giet persuna li riedet tixtri zewg mobile phones u tablet ghal mudell Baby Nokia. Xtara xewg mobiles u hallas b'cheque.

John Vassallo xehed, a fol 57, 'ghajnu orkietu minn din il-persuna tant illi hareg barra mill-ispizerija u ha in-numru tal-vettura ta' minn kien xtara minghandu, izda l-persuna li xtrat il-mobiles baqghet ghaddejja bil-mixi'. Meta dan ic-cekk ma giex onorat, John Vassallo ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija, wara li kkuntattja lill-persuna li taghha kellu l-partikularitajiet fuq id-dorso tac-cheque u gie nfurmat illi c-cheque book tal-persuna kien insteraq.

Leonardo Cassar ikkonferma li huwa kien xtara mobile u linja 79052387 minghand l-imputat u gharaf lill-imputat bhala sid il-hanut MPC il-Mosta.

Ersilia Cassar, a fol 71, xehdet illi hija kienet akkumpanjat lit-tifel taghha Leonardo biex jixtri mobile phone u linja minghand l-imputat, li gie identifikat fl-awla.

Minn naha l-ohra l-imputat, a fol 77, xehed illi huwa ghandu hanut tal-mobiles li jismu Mobile Phone Centre (MPC). Hu spjega illi dahal bniedem il-hanut qisu Gharbi pero' jitkellem bil-Malti, u gie jixtri mobile phone u talbu biex ibiddel linja tal-Go Mobile ma' wahda tal-Vodafone. Il-linja li kien qed jipproponi li tinbidel kienet wahda gdid ghada ssigilata.

L-imputat xehed illi dak iz-zmien kien hemm xi offerta fuq il-Vodafone u ghaldaqstant ma rax it-talba ta' dan il-persuna bhala xi haga stramba. Kompla jghid li huwa jiftakar li ma tantx kellu linji tal-Go Mobile dak iz-zmien,

minhabba li l-Go Mobile kellhom problemi fid-distribuzzjonijiet tal-linji.

L-imputat xehed illi l-ewwel darba li huwa sar jaf li hemm xi haga rregolari kien meta gew il-Pulizija l-hanut tieghu u ghamlu tfittxija fuq il-linji tat-telephones u mobiles li kellu fil-hanut u ma sabu xejn irregolari. L-imputat xehed illi rrilaxxa stqarrija dokument JC, liema stqarrija giet moqrija lilu u kkonfermaha.

Ikkonferma illi dak iz-zmien, huwa kellu biss zewg linji tal-Go Mobile u tnax tal-Vodafone. Ghar-rigward tat-tieni linja, huwa xehed illi kien il-lavrant illi nnegozja din l-istess linja. Xehed ukoll illi f'dak iz-zmien, huwa kien ipartat bejn linja u zewg linji fil-gimgha. Mitlub jaghti l-ircevuta fiskali tal-mobile phones li biegh, xehed illu huwa ried jiccekkja fir-romblu tal-VAT.

Ikkunsidrat:-

Illi fit-trattazzjoni, l-Ispettur Cordina sostna illi s-sim cards li kienu nxtraw mill-hanut tal-imputat, kienu ghadhom kemm gew rapurtati misruqa ftit qabel, u li l-imputat ma kienx ibiegh dan it-tip ta' sim cards, izda sim cards ta' ditta ohra. Illi ghalhekk fuq it-tejorija ta' recent possession, il-Prosekuzzjoni ddecidiet li tressaq lill-imputat fuq l-akkuzi kif dedotti. Di piu', l-imputat ma tax informazzjoni dwar min kienet l-persuna illi maghha nnegozja dawn is-sim cards.

Id-Difiza rribadiet illi l-imputat ghandu hanut tal-mobiles u huwa persuna mqabbad hafna fin-negozju. Hu, a tempo vergine, xehed ezattament dak li jiftakar fuq in-negozju li kien ghamel.

Id-Difiza ssostni illi l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-element kardinali fir-reat ta' ricettazzjoni, u cioe', ix-xjenza tar-ricettatur qabel ix-xiri tal-provenjenza illegali tal-oggett

Illi dwar ix-xjenza, Manzini jispjega:

"per l'imputabilita del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta

del fatto in se’ cioe dell’acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose.”

Smith & Hogan, fil-Criminal Law (Edit. 1965) isostnu:

“knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have.” ( ara fol 61).

Illi di piu’, fi skorta ta’ sentenzi Pulizija vs Muscat (vol XXV pg 706), Pulizija vs Degiorgio (vol XXXVIII pg 1059), Pulizija vs Calleja (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta’ Novembru 1978) jirrizulta dawn il-principji:

1. il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar-ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjin jew minn serq jew b’qerq jew min xi reat iehor;
2. ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda il-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;
3. dan l-element jista’ jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;
4. is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa’ ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f’certi kazijiet jista’ jkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta’ dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;
5. min jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta’ oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett jkollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu llegittimament u intant tilqa’ dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux

kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenza rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;

6. jigi ccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova ta' l-ammissjoni ta' diligenza tal-buon padre di familia da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal criminal negligence;

7. veru li s-semplici suspett m'ghandux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru wkoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngibitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista' tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghal iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat fl-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist min ikun xtara kellu x-xjenza certa u pozittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett, liema element intenzjonali jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;

8. dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u pozittiva tal-provenjenza illegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti fuq esposti, huwa abbastanza car illi l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell probatorju rikjest mill-ligi kriminali sabiex tipprova l-element kardinali tax-xienza tal-provenjenza illiegali taz-zewg linji tat-telefon.

Illi di piu l-imputat ta rakkont plawsibbli tal-isfond u tac-cirkostanzi li iccorkondaw in-negozju tax-xiri tal-linji.

Illi ghal dailwn il-motivi il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------